**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA**

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 64

**24 ta' April 2017**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Tumas Fenech Birkirkara, fil-5 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Rita Borg– Viċi Sindku
Kaylocke Buhagiar– Kunsillier
Liam Gauci– Kunsillier
Anthony Buttigieg– Kunsillier
John Mary (Jimmy) Calleja– Kunsillier
Herbert Conti– Kunsillier
John Mizzi– Kunsillier
Marie Claire Zammit – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Michael Fenech Adami – Kunsillier
John Borg - Kunsillier
Matthew Mangion – *Chairperson* Kumitat Amministrattiv Swatar

**ASSENTI**
Mark George Abdilla – Kunsillier
Dr.Francesca Zarb - *Chairperson* Kumitat Amministrattiv Fleur De Lys

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Neil Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Vici Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is-Sur Liam Gauci, is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, is-Sur Kaylocke Buhagiar, is-Sur John Mizzi u s-Sinjura Marie Claire Zammit.

Preżenti għal din il-laqgħa kien hawn il-konsulent finanzjarju tal-Kunsill is-Sur Christian Vella.

Għal din il-laqgħa ma kienx hawn il-preżenza tal-pubbliku.

**64.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji**

64.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fil-ħamsa ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

64.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera s-Sur Michael Fenech Adami li jinsab ma jiflaħx, is-Sur John Borg li nqabad xogħol u tas-Sur Matthew Mangion – *Chairperson* Kumitat Amministrattiv Swatar li kellu l-laqgħa tas-Swatar. L-apoloġiji ġew aċċettati b'mod unanimu.

**64.2 Approvazzjoni tal-Aġġustamenti suġġeriti mill-Awdituri tal-Gvern Lokali**

64.2.1 Il-Konsulent is-Sur Christian Vella beda jispjega l-aġġustamenti li talbu l-awdituri.

64.2.2 L-ewwel aġġustament li ħadem favur il-Kunsill huwa l-aġġustament tas-*shortage* għat-*tipping fees*. L-awdituri mhux talli din is-sena ma aċċettawx l-aġġustament imma qalulna li mhux biżżejjed u b'dan hemm impatt ta' 36,000Euro favur il-Kunsill.

64.2.3 It-tieni aġġustament kien dwar id-diprezzament fejn hemm modifika xi trid issir pero' hija xi ħaġa iktar kosmetika milli xi ħaġa li se jkolllha xi effett fuq ir-riżultati.

Hawnhekk fil-5.10pm daħal fil-kamra il-Kunsillier is-Sur Herbert Conti.

64.2.4 It-tielet aġġustament kien dwar *contingent liabilities* dwar kawżi ta' inċidenti ta' karozzi illi l-Kunsill jinsab fihom il-Qorti fejn għalkemm iċ-ċansijiet huma remoti li l-Kunsill jitlef dawn il-kawżi, ħadna proviżjon ta' 6000Euro bħala *maximum liability*.

64.2.5 Ħadd ma kellu oġġezzjonijiet għal dawn l-aġġustamenti u l-Kunsill qabel magħhom nem. con.

64.2.6 Is-Sindku nfurmat lill-kamra li kellna riżenja ta' membru ta' l-istaff u bħas-soltu se tinfetaħ vakanza għal *replacement* wara approvazzjoni mid-Dipartiment

**64.3 Tmiem tal-Laqgħa**

Il-laqgħa intemmet fil-5.14pm.

Konfermati, illum 8 ta' Mejju 2017.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Joanne Debono Grech<br>Sindku | Neil Spiteri<br>Segretarju Eżekuttiv |